# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum l-Erbgħa 27 ta' Novembru, 2024

**Rikors Ġuramentat:1355/2023MH**

**Numru:**

**Inginier Carmel Sive Charles Cuschieri**

**Vs**

**SEG MBO Limited (C 99235)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Carmel sive Charles Cuschieri, detentur eżerċenti l-professjoni ta' inġinjier taħt l-isem "Camilleri & Cuschieri Consulting Engineers" li biha ppremetta u talab:

1. *"Illi l-esponenti, li jezercita l-professjoni ta' inginjier taht l-isem "Camilleri & Cushieri Consulting Engineers" ghandu jiehu minghand is-socjeta' intimata s-somma ta' €18,856.40 li*

*tirraprezenta drittijiet professjonali ta' ingenjier forniti mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata in konnessjoni mal-progett tal-Mambo Resturant, Bajja ta' 1-Armier, Mellieha, u dan kif jidher mill-fatturi hawn annessi bhala "**Dok A**" sa "**Dok H**" u mir-rendikont hawn anness bhala "**Dok I**";*

2. *Illi minkejja li r-rikorrenti talab lis-socjeta' intimata thallas l-ammont dovut minnha diversi drabi, fosthom permezz ta' email datata 17 ta' Novembru, 2023 mibghuta mill-avukat Dr. Delilah Vella, kopja ta liem qedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok J**" is-socjeta' intimata baqghet ma hallsitx id-debitu taghha;*

3. *Illi ghalhekk is-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' €18,856.40, liema somma hija Certa, likwida u dovuta a termini tal-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi fil-fehma tal-esponenti s-socjeta' intimata ma ghandha ebda eccezzjonijiet x'taghti f'din il-kawza;*

5. *Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

6. *Illi r-rikorrenti qieghed jipprezenta affidavit tieghu ai terminu ta' l-artikolu 156 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta Ii qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**Dok K**";*

7. *Illi jirrikorru l-elementi kollha mehtiega ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob umilment u bir-rispett illi, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti joghogobha:-*

1. ***TGHADDI** ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Art 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. ***TIKKUNDANNA** lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti is-somma fuq imsemmija ta' €18,856.40 dovuta mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija;*

*Bl-imghax dekorribli mit-23 ta' Settembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru il-hrug ta' liema gie mitlub kontestwalment mal-prezentata ta' dana l-att.*

*Is-Socjeta intimata hija ngunta sabiex tidher in subbizzjoni.*

*B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti rat li din hija kawża li nbdiet bil-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 167 et. seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi debitament notifikat s-soċjeta konvenuta mhux talli ma kkontestatx il-ġiljottina, imma saħansitra tramite ir-rappreżentant legali tagħha preżentat nota fejn ammettiet it-talbiet kif dedotti kontra tagħha[1].

Rat li aktar tard ġiet preżentat ukoll nota fejn s-soċjeta' konvenuta, nonostante l-ammissjonijiet tagħha, aċċettat kemm in-notifika tar-rikors ġuramentat ukoll ta' l-avviż ta' smiegħ.

Ikkonsidrat.

[1]Datati t-tnejn 27 ta' Settembru, 2024.

**Konsegwentement, tara illi la darba ammessi t-talbiet qegħdin jiġu milqugħa u għalhekk tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispenza tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Ukoll**

**Qiegħda tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta SEG MBO Limited (C 99235) tħallas lill-Ingineer Carmel sive Charles Cuschieri s-somma ta' €18,865.40. kif dovuta minnha bl-imgħax dekorribbli mit-23 ta' Settembru, 2022 sal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza għall-konvenuti.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**